MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## VINCENT DE GAETANO

Seduta tat-30 ta' Dicembru, 2004

Appell Kriminali Numru. 130/2003

**Il-Pulizija**

**v.**

**Carmela German**

Il-Qorti:

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Carmela German talli f'dawn il-Gzejjer, fix-xhur precedenti c-citazzjoni (li ggib id-data tad-9 ta' Lulju, 2002) u cioe' fil-periodu bejn Jannar 2002 u Gunju 2002, b'diversi atti maghmulin fi zmienijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:

1 b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamlet uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdiet b'qerq iehor, ingann, jew billi wriet haga b'ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila,

setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza’ dwar xi grajja kimerika, ghamlet qliegh ta’ aktar minn Lm3,000 bi hsara tal-Kanoniku Dun Gwann Azzopardi u diversi persuni, bi ksur ta’ l-Artikoli 308 u 309 u 310(1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta; kif ukoll

2 approprjat ruhha minn haga ta’ haddiehor li kienet giet fdata jew kkunsinnata lilha taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, u cioe’ hadet flejjes li jammontaw ghal aktar minn Lm3,000, liema flejjes jappartjenu lill-Kanoniku Dun Gwann Azzopardi u persuni ohra, bi ksur ta’ l-Artikolu 293 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-24 ta’ Gunju, 2003 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lil imsemmija Carmela German mhux hatja skond l-imputazzjoni li tipotizza r-reat ta’ truffa kif ukoll mhux hatja ta’ approprjazzjoni indebita, izda sabita hatja ta’ frodi innominata skond l-Artikolu 309 tal-Kodici Kriminali u, b’applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446, illiberatha bil-kondizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien tlett xhur “u dan wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni il-fatt illi l-imputata hallset il-pendenzi kollha li kellha mal-kwerelanti, il-fatt li si tratta ta’ *first offender* u l-eta` avanzata tal-imputata”;

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ Carmela German, minnha pprezentat fit-3 ta’ Lulju, 2003 li permezz tieghu talbet ir-riforma tal-imsemmija sentenza fis-sens li hija tigi liberata wkoll in kwantu instabet hatja ta’ frodi innominata;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet lid-difensuri tal-partijiet; ikkunsidrat:

Ghalkemm l-appellanti ghandha rikors ta’ appell pjuttost twil u elaborat, l-aggravji taghha jistghu jigu sintetizzati f’aggravju wiehed, u cioe` li l-ewwel qorti ma setghetx legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha. L-appellanti tikkontendi li b’dak li ghamlet u b’dak li rrizulta mill-provi, l-ewwel qorti ma setghet qatt issibha hatja tar-

reat ta’ frodi innominata bi ksur tal-Artikolu 309 tal-Kodici Kriminali. Hija taghti diversi ragunijiet ghala dan ghandu jkun hekk, fosthom li l-ewwel Qorti erroneament strahet fuq id-deposizzjoni tal-Ispettur Alexandra Mamo meta din l-Ispettur kienet qed tghid x’qalilha Dun Gwann li qaltlu l-appellanti (b’mod ghalhekk li l-ewwel qorti accettat bhala prova ta’ dak li hija qalet xiehda fuq kliem haddiehor – *hearsay evidence*). Tilmenta li ma kienx korrett l-apprezzament tal-provi maghmul mill-ewwel qorti meta din irriteniet li hija kienet qalet “gidba semplici” b’mod li ingannat lill-imsemmi sacerdot biex jaghtiha l-flus; u li dak li sehh bejnha u bejn l-imsemmi Kanoniku kien semplici self ta’ flus -- rabta kontrattwali civili -- u l-fatt li in segwitu nqalghulha diffikultajiet b’mod li hija ma setghetx thallas fiz-zminijiet maqbula ma kienx igib bhala konsegwenza li hija kkommettiet reat. Fl-ahharnett l-appellanti issostni li anke jekk, ghall-grazzja ta’ l-argument, wiehed kellu jikkoncedi li hija qalet “gidba semplici” dwar “negozju ta’ bejgh ta’ proprjeta` fittizju”, dan ma jammontax ghar-reat ta’ frodi innominata minhabba karenza tal-*mens rea* rikjesta ghall-finijiet tal-Artikolu 309 tal-Kodici Kriminali.

Din il-Qorti ezaminat bir-reqqa l-provi kollha u, biex ma taqax fl-izball li l-appellanti tghid li l-ewwel qorti waqghet fih, addirittura injorat kwazi ghal kollox id-deposizzjoni ta’ l-Ispettur Mamo. Jibda biex jinghad li, apparti l-versjoni ta’ Dun [recte: Monsinjur] Gwann Azzopardi moghtija minnu bil-gurament quddiem l-ewwel qorti a rigward tad-diskors li intqal lilu mill-appellanti fit-tlett okkazzjonijiet meta hija marret biex “tissellef” flus minn ghandu, l-unika versjoni ohra ta’ dak li sehh, u li hija f’hafna aspetti kontrastanti, hija dik li l-appellanti tat fl-istqarrija li hija ghamlet lill-pulizija (fol. 16), u dan peress li l-appellanti ghazlet, kif kellha kull dritt li taghmel, li ma tixhedx quddiem l-ewwel qorti jew li tipproduci xi provi. Rinfaccjata b’dawn iz-zewg versjonijiet, l-ewwel qorti kellha kull dritt li temmen dak li xehed Monsinjur Azzopardi quddiemha – li anke mit-traskrizzjoni maghmula tad-depoisizzjoni tieghu jidher li ghamel sforz biex ikun preciz u ezatt f’dak kollu li jghid u specjalment a rigward tal-kliem li qaltlu l-appellanti – u

tiskarta l-versjoni ta’ l-appellanti moghtija minnha fl-istqarrija.

In tema legali gie ritenut minn din il-Qorti fis-sentenza taghha tat-12 ta’ Frar, 1999 fl-ismijiet ***Il-Pulizija v. Anthony Francis Willoughby*** li:

**“Fil-ligi taghna biex ikun hemm it-truffa jew il-frodi innominata irid ikun gie perpetrat mill-agent xi forma ta’ ingann jew qerq, liema ingann jew qerq ikun wassal lill-vittma sabiex taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf partimonjali bil-konsegwenti qligh ghall-agent (*Il-Pulizija v. Emmanuele Ellul*, App. Krim., 20/6/97; ara wkoll *Il-Pulizija v. Daniel Frendo*, App. Krim., 25/3/94). Dan it-telf hafna drabi jkun jikkonsisti filli l-vittma, proprju ghax tkun giet ingannata, volontarjament taghti xi haga lill-agent (*Il-Pulizija v. Carmel Cassar Parnis*, App. Krim., 12/12/59, Vol. XLIII.iv.1140). Jekk l-ingann jew qerq ikun jikkonsisti f’ “raggiri o artifizi” – dak li fid-dottrina jissejjah ukoll *mise en scene* – ikun hemm it-truffa; jekk le, ikun hemm ir-reat minuri ta’ frodi innominata (jew lukru frawdolent innominat) (ara, fost ohrajn, *Il-Pulizija v. Carmelo Cassar Parnis*, App. Krim., 31/10/59, Vol. XLIII.iv.1137; *Il-Pulizija v. Francesca Caruana*, App. Krim., 25/7/53, Vol. XXXVII.iv.1127; ara wkoll *Il-Pulizija v. Giuseppe Schrainer*, App. Krim., 3/3/56).”**

Kwantu ghall-kwistjoni mqajjma mill-appellanti u cioe` jekk il-“gidba semplici” – a differenza tal-artifizji u raggiri – tistax tammonta ossia twassal ghar-reat ta’ frodi innominata, ir-risposta hija certament fl-affermattiv, <u>basta li tali gidba tkun effettivament tammonta ghal “qerq”, cioe` tkun intiza jew preordinata sabiex il-persuna l-ohra (il-vittma) taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bil-konsegwenti arrikkiment ghal min jghid dik il-gidba</u>, u basta, s’intendi, li tkun effettivament waslet ghal dan it-telf minn naha u arrikkiment min-naha l-ohra.

Mid-deposizzjoni ta’ Mons. Azzopardi jirrizulta bic-car li l-appellanti, f’diversi inkontri li kellha mieghu, qaltlu li

ghalkemm kellha flus barra minn Malta hi ma setghetx tuzahom biex taghmel xi pagamenti in konnessjoni ma' kuntratt ta' bejgh ta' xi proprjeta` li minnu kienet ser iddahhal somma kbira ta' flus, u li ghalhekk kellha bzonn xi flus f'idejha biex tkun tista' taghmel dan il-kuntratt. L-imsemmi Monsinjur, li, kif jghid hu stess hadha *at face value*, cioe` emminha minghajr ma pprova jivverifika dak li kienet qed tghidlu, selifha, fi tlett okkazzjonijiet differenti, total ta' hamest elef lira. Kien biss wara li l-appellanti ripetutament naqset li tirrifondi l-flus, kif ukoll wara li hija qaltlu li, ghalkemm mizzewga, ma kienitx qalet lil zewgha li kienet isselfet il-flus, li l-imsemmi Monsinjur beda jissuspetta hazin. In segwitu meta huwa mar, flimkien ma' *manager* ta' bank, biex ikellimha d-dar taghha halli jipprova jara kif ser jiehu lura flusu, l-appellanti ghalqitilhom il-bieb f'wicchom (fol. 24). L-appellanti tammetti (fl-istqarrija) li hija ma kelliex flus barra minn Malta. Fl-istat tal-provi li kellha quddiemha l-ewwel qorti hija kienet ampjament gustifikata fil-konkluzzjoni taghha li din l-istorja tal-bejgh ta' proprjeta` kienet wahda fittizja, intiza unikament biex tikkonvinci lill-Monsinjur biex jaghtiha l-flus. F'dana kollu din il-Qorti tirravviza <u>ferm aktar</u> minn "gidba semplici"; pero`, fi kwalunkwe kaz, jirrizulta lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni li l-appellanti ghamlet <u>qliegh b'qerq</u> bi ksur tal-Artikolu 309 a dannu ta' Monsinjur Azzopardi li, b'mod ingenwu u bla ebda hazen, emmen dak kollu li kenet tghidlu l-appellanti. Fortunatament ghalih, fis-6 ta' Frar, 2003, u cioe` fil-mori tal-kawza quddiem l-ewwel qorti, huwa irceva lura minghand l-appellanti s-somma kollha li kien ghaddielha (ara d-dokument a fol. 48).

Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. Il-periodu ta' tlett xhur tal-liberta` kondizzjonata jibda jiddekorri mill-lum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------